

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-25 ta' Marzu 2008

dwar rekwiżiti ta' sikurezza kontra n-nar li għandhom jiġu sodisfatti mill-istandards Ewropej għas-sigaretti skond id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2008/264/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2001 dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti<sup>(1)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 4(1) (a) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2001/95/KE tistipula li l-istandards Ewropej għandhom jiġu stabbiliti mill-istituzzjonijiet ta' standardizzazzjoni Ewropej. Standards bħal dawn għandhom jiżguraw li l-prodotti jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' sikurezza ġenerali tad-Direttiva.
- (2) Skond id-Direttiva 2001/95/KE, prodott jitqies mingħajr periklu, sa fejn għandhom x'jaqsmu r-riskju u l-kategoriji ta' riskju koperti mill-istandards nazzjonali rilevanti, meta jkun konformi ma' l-istandards nazzjonali volontarji li jittrasponu l-istandards Ewropej.
- (3) Is-sigaretti huma minnhom infushom prodotti perikolużi peress li jipproduċu sħana u għaliex fihom materjal li jaqbad li jibqa' jinharraq tul is-sigarett kollu meta jinxtegħel. Ir-riskju marbut mas-sigaretti mixgħula, meta jitqiegħdu x'imkien bi traskuraġni jew jitħallew jaqbd u waħedhom, huma nirien b'fatalitajiet, korrimenti u dannu materjali. Inċidenti ta' dan it-tip ġew osservati u jikkawżaw stima ta' mhux inqas minn 1 000 fatalità fil-Komunità kull sena<sup>(2)</sup>.
- (4) Ġew żviluppati soluzzjonijiet tekniċi li ma jħallux is-sigaretti jibqgħu jaqbd u meta ma jinġibidx aktar in-nifs b'mod attiv. Xi sigaretti li jinsabu għal bejgħ fihom faxex tal-karta fil-karta tas-sigarett, wesgħin madwar 6 mm u l bogħod minn xulxin b'madwar 20 sa 30 mm. B'dawn l-"intoppi tal-veloċità" sigarett imqabbad

jintefa waħdu, għallinqas sa ċertu punt, billi jwaqqfu l-aċċess għall-ossiġenu fil-parti li tkun qed taqbad. Il-propensità mnaqqsa ta' qbid għalhekk tillimita s-sors u r-riskju ta' nirien.

- (5) Ir-rekwiżit speċifiku ta' sikurezza għas-sigaretti għandu jifassal skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2001/95/KE, bl-għan li l-istituzzjonijiet ta' standardizzazzjoni jintalbu jiżviluppaw standard dwar il-propensità mnaqqsa ta' qbid tas-sigaretti, skond il-proċedura stabbilita fid-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-provvista ta' taġġir fil-qasam ta' l-istandards u r-regolamenti tekniċi<sup>(3)</sup>, u sabiex tkun tista' ssir il-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tar-referenza ta' l-istandard adottat. L-istituzzjonijiet ta' standardizzazzjoni għandhom iqisu b'mod xieraq l-istandard ASTM E2187-04.
- (6) Malli tiġi ppubblikata r-referenza fil-Ġurnal Uffiċjali, is-sigaretti mmanifatturati b'konformità ma' l-istandard għandhom jitqiesu li huma konformi mar-rekwiżiti ta' sikurezza ġenerali tad-Direttiva 2001/95/KE dwar is-sikurezza ġenerali tal-prodott, sa fejn għandu x'jaqsam ir-rekwiżiti ta' sikurezza kontra n-nar kopert mill-istandard.
- (7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat imwaqqaf taħt id-Direttiva 2001/95/KE,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

## Artikolu 1

## L-għan

L-għan ta' din id-Deċiżjoni huwa li jiġi stabbilit ir-rekwiżiti li fuq il-bażi tiegħu l-Kummissjoni tista' titlob l-istituzzjonijiet ta' standardizzazzjoni rilevanti li jstabbilixxu l-istandard rilevanti għat-tnaqqis tal-propensità ta' qbid tas-sigaretti. Il-propensità ta' qbid tas-sigaretti għandha titnaqqas biex jiġu minimizzati n-nirien bil-fatalitajiet, korrimenti u dannu materjali li jirriżultaw minnhom.

<sup>(1)</sup> ĠU L 11, 15.1.2002, p. 4.<sup>(2)</sup> Il-Konsorzju ASPECT Tabakk jew Saħħa fl-Unjoni Ewropa. Passat, preżent u futur. Kummissjoni Ewropea 2004. [http://ec.europa.eu/health/ph\\_determinants/life\\_style/Tobacco/Documents/tobacco\\_exs\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/health/ph_determinants/life_style/Tobacco/Documents/tobacco_exs_en.pdf)<sup>(3)</sup> ĠU L 204, 21.7.1998, p. 37. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kunsill 2006/96/KE (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 81).

*Artikolu 2***Defnizzjoni**

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni sigarett bi propensità mnaqqsa ta' qbid ifisser sigarett li jintefa waħdu meta ma jinġibidx in-nifs b'mod attiv, qabel ma jinharq minn tulu kollu.

*Artikolu 3***Rekwiżit**

Għall-fini ta' l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2001/95/KE, ir-rekwiżit ta' sikurezza għandu jkun dan li ġej: Mhux aktar minn 25 % minn stekka ta' kampjuni ta' sigaretti għall-ittestjar m'għandhom jaqbd u minn tulhom kollu.

Magħmula fi Brussell, 25 ta' Marzu 2008.

Għall-Kummissjoni  
Meglana KUNEVA  
Membru tal-Kummissjoni

---